



**11695/22**

**SOC 454  
EMPL 298**

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali Ħatra tas-Sa Caterina FRANCOMANO, membru għall-Italja, minflok is-Sur Giovanni CALABRÒ, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Giovanni CALABRÒ bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Italja).
2. Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) 883/2004 tad-29 ta' April 2004<sup>1</sup> li jistabbilixxi l-Kumitat ta' Konsulenza għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill, waqt li bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020<sup>2</sup>, il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' ħames snin.

<sup>1</sup> ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 315 I, 23.09.2020, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Italja nnomina lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025:

Is-Sa Caterina FRANCOMANO  
Head of Unit V  
Directorate General for Social Security and Insurance Policies  
Ministry of Labour and Social Policies  
Via Flavia, 6 - 00187 Rome  
Tel. + 39 06 46832470  
*Email: cfrancomano@lavoro.gov.it*  
*DGPrevidenzaDiv5@lavoro.gov.it*

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL  
ta'  
li tissostitwixxi membru  
tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Settembru 2020<sup>4</sup> u tad-19 ta' Ottubru 2021<sup>5</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perjodu li jintem fid-19 ta' Ottubru 2025.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Giovanni CALABRÒ, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.
- (3) Il-gvern tal-Italja nnomina kandidata għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>3</sup> ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU C 315 I, 23.09.2020, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU C 427 I, 22.10.2021, p. 11.

## Artikolu 1

Is-Sa Caterina FRANCOMANO hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sur Giovanni CALABRÒ għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni ġħandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill  
Il-President